

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1191/2014**

tat-30 ta' Ottubru 2014

li jiddetermina l-format u l-mezzi għall-preżentazzjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra

(ĠU L 318, 5.11.2014, p. 5)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1375 tal-25 ta' Lulju 2017	L 194	4	26.7.2017
► <u>M2</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1992 tal-14 ta' Diċembru 2018	L 320	25	17.12.2018
► <u>M3</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/522 tas-27 ta' Marzu 2019	L 86	37	28.3.2019

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1191/2014

tat-30 ta' Ottubru 2014

li jiddetermina l-format u l-mezzi għall-preżentazzjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra

▼M1

Artikolu 1

1. Ir-rapporti meħtieġa skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 għandhom jiġu ppreżentati b'mod elettroniku bl-użu tal-għodda tar-rappurtar abbażi tal-format stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament li, għal dak il-għan, jinsab disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

2. Qabel ma jibdew iwettqu l-attivitajiet li jridu jiġu rrapportati skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, l-impriżi għandhom jirreġistraw fuq il-websajt tal-Kummissjoni biex jibdew jużaw l-għodda elettronika tar-rappurtar.

▼B

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 1493/2007 jitħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ **M3**

INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA			KUMMENTI
	1C	— minn dan l-ammont: Il-kwantità tal-produzzjoni mill-faċilitajiet fl-Unjoni li tikkonsisti fi produzzjoni sekondarja rkuprata jew prodotti mhux mixtieqa fejn dik il-produttjoni sekondarja jew dawk il-prodotti jkunu ngħataw lil impriżi oħra sabiex jinqerdu u ma kinux tqiegħdu fis-suq qabel	Għandha tiġi identifikata l-impriża li twettaq il-qerda
	1C_a	— minn dan l-ammont: L-ammont ta' idrofluworokar-buri prodott biex jintuża bħala materja prima fl-Unjoni	Għandu jiġi indikat l-Istat Membru fejn se jsir l-użu tal-materja prima
	1C_a1	— minn dan l-ammont: Mingħajr qbid minn qabel	Irid jiġi rrapportat biss għall-HFC-23
KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT			
	1C_a2	— minn dan l-ammont: Mingħajr qbid minn qabel	$1C_{a2} = 1C_a - 1C_{a1}$; Irid jiġi kkalkulat biss għall-HFC-23
INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA			
	1C_b	— minn dan l-ammont: L-ammont ta' idrofluworokar-buri prodott għal użi fl-Unjoni li huma eżentati skont il-Protokoll ta' Montreal	Għandu jiġi speċifikat it-tip ta' użu li jkun eżentat
KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT			
	1D	— minn dan l-ammont: Il-kwantità totali tal-produttjoni proprja maqbuda u meqruda li ma tkunx tqiegħdet fis-suq qabel	$1D = 1B + 1C$
1E		Il-produttjoni disponibbli għall-bejgħ jew għall-użu bħala materja prima	$1E = 1A - 1D - 1A_a$

▼ **B**

Taqsim 2: Timtela mill-importaturi ta' gassijiet — l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u l-punt 2(a) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 517/2014

Applikabbli għall-ewwel darba għal rappurtar dwar attivitajiet imwettqa fl-2014 (mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015).

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali, separatament għal kull gass elenkat fl-Anness I jew l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, għal taħlitiet li fihom tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet jew għal kull gass jew taħlita li jinsabu f'polioli mħalltin minn qabel importati. ► **M1** Għall-ewwel darba għar-rappurtar dwar l-attivitajiet li saru fl-2019, il-kwantitajiet tal-idrofluworokarburji għandhom jiġu rrapportati separatament għal kull pajjiż tal-orijini, ħliet fejn hu indikat mod ieħor fit-tabella ta' hawn taħt. ◀

▼ B

L-importazzjoni fi kwantitajiet kbar biss għandhom jiġu rrapportati hawnhekk, inklużi l-kwantitajiet trasportati flimkien ma' tagħmir għall-fini tal-iċċarġjar tat-tagħmir wara l-importazzjoni, iżda mhux l-kwantitajiet li jinsabu fit-tagħmir. L-importazzjonijiet ta' gassijiet li jinsabu fi prodotti jew tagħmir għandhom jiġu rrapportati fit-taqsimi ta' rappurtar 11. L-importazzjonijiet kollha għandhom jiġu rrapportati, ħlief l-importazzjonijiet għal tranżitu minn territorju doganali tal-Unjoni jew importazzjonijiet taħt proċeduri oħra li jippermettu moviment temporanju tal-merkanzija fit-territorju doganali, sakemm fil-każ tal-aħħar dawn l-oġġetti jibqgħu mhux aktar minn 45 jum fit-territorju doganali.

▼ M1

	INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI RRAPPORATATA	KUMMENTI
2 A	L-ammont importat fl-Unjoni	
2B	L-ammont importat fl-Unjoni mill-impriża li qed tirrapporta, li ma għex irrilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa u li għe esportat mill-ġdid fi prodotti jew tagħmir mill-impriża li qed tirrapporta	<p>L-idrofluworokarburi m'hemmx bżonn jiġu rrapportati skont il-pajjiż tal-orijini.</p> <p>Il-gassijiet importati fi kwantitajiet kbar għall-ipproċessar attiv iċċarġjati fil-prodotti jew fit-tagħmir u mbagħad esportati mill-ġdid.</p> <p>Meta l-esportazzjoni mill-ġdid fil-prodotti jew fit-tagħmir (it-Taqsimi 2B) ma sseħħx fl-istess sena kalendarja bħall-importazzjoni, il-kwantitajiet irrappurtati fit-Taqsimi 2B jistgħu jinkludu l-esportazzjonijiet mill-ġdid fil-prodotti jew fit-tagħmir ta' stokkijiet tal-1 ta' Jannar li ma jkunux tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kif irrappurtat fit-Taqsimi 4C</p> <p>Il-gassijiet esportati fi kwantitajiet kbar għandhom jiġu rrapportati biss fit-Taqsimi 3</p>
2C	L-ammont ta' idrofluworokarburi użati, riċiklati jew reklamati	
2D	L-ammont ta' idrofluworokarburi verġni importat għall-użu bħala materja prima	
2E	L-ammont ta' idrofluworokarburi verġni importat għal użi li huma eżentati skont il-Protokoll ta' Montreal	Għandu jiġi speċifikat it-tip ta' użu li jkun eżentat
2F	L-ammont ta' idrofluworokarburi li hemm f'polioli mħalltin minn qabel	

▼ M3**▼ B**

Taqsimi 3: Timtela mill-esportaturi ta' gassijiet — l-Artikolu 19(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u l-punt 3(a) u (b) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 517/2014

Applikabbli għall-ewwel darba għal rappurtar dwar attivitajiet imwettqa fl-2014 (mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015).

▼ **B**

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali, separatament għal kull gass elenkat fl-Anness I jew l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, għal taħlitiet li fihom tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet jew għal kull gass jew taħlita li jinsabu f'polioli mħalltin minn qabel esportati. ► **M1** Għall-ewwel darba għar-rappurtar dwar l-attivitajiet li saru fl-2019, il-kwantitajiet tal-idrofluworokarburi għandhom jiġu rrapportati separatament għal kull pajjiż tad-destinazzjoni, ħlief fejn hu indikat mod ieħor fit-tabella ta' hawn taħt. ◀

L-esportazzjonijiet ta' gassijiet fi kwantitajiet kbar biss, inklużi kwalunkwe kwantitajiet trasportati flimkien ma' tagħmir għall-fini tal-iċċarġjar ta' dak it-tagħmir wara l-esportazzjoni, għandha tiġi rrapportata f'din it-Taqsima.

Il-kwantitajiet mill-produzzjoni proprja jew mill-importazzjoni proprji forniti lil impriżi oħra fl-Unjoni għall-esportazzjoni diretta għandhom jiġu rrapportati fit-taqsima ta' rappurtar 5.

▼ **M1**

	INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI RRAPPORATATA	KUMMENTI
3 A	L-ammont totali esportat mill-Unjoni	
3B	L-ammonti esportati mill-produzzjoni proprja jew mill-importazzjoni	M'hemmx bżonn isir rappurtar skont il-pajjiż tad-destinazzjoni
KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT		
3C	L-ammont esportat mixtri minn impriżi oħra fl-Unjoni	$3C = 3 A - 3B$
INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI RRAPPORATATA		
3D	L-ammont esportat għar-riċiklaġġ	M'hemmx bżonn isir rappurtar skont il-pajjiż tad-destinazzjoni
3E	L-ammont esportat għar-reklamazzjoni	M'hemmx bżonn isir rappurtar skont il-pajjiż tad-destinazzjoni
3F	L-ammont esportat għall-qerda	M'hemmx bżonn isir rappurtar skont il-pajjiż tad-destinazzjoni
3G	L-ammont ta' idrofluworokarburi użati, riċiklati jew reklamati esportat	
3H	L-ammont ta' idrofluworokarburi verġni esportat għall-użu bħala materja prima	
3I	L-ammont ta' idrofluworokarburi verġni esportat għal użi li huma eżentati skont il-Protokoll ta' Montreal	Għandu jiġi specificat it-tip ta' użu li jkun eżentat
3J	L-ammont ta' idrofluworokarburi li hemm f'polioli mħalltin minn qabel	

▼ **M3**

▼ **B****Taqsimta 4: Timentela mill-produtturi u l-importaturi ta' gassijiet — l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u l-punti 1(d) 2(b) u 2(d) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 517/2014**

Applikabbli għall-ewwel darba għal rappurtar dwar attivitajiet imwettqa fl-2014 (mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015).

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali, separatament għal kull gass elenkat fl-Anness I jew l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, jew għal taħlitiet li fihom tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet jew għal kull gass jew taħlita li jinsabu f'polioli mħalltin minn qabel.

	INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI RRAPPORATATA		KUMMENTI
4A	Total ta' stokkijiet fl-1 ta' Jannar		
	4B	— tagħhom: stokkijiet fl-1 ta' Jannar ta' kwantitajiet minn importazzjoni jew mill-produzzjoni proprja	
		4C — tagħhom: stokkijiet fl-1 ta' Jannar ta' kwantitajiet minn importazzjoni jew mill-produzzjoni proprja li preċedentement ma tqegħdux fis-suq	B'mod partikolari l-produzzjoni u l-importazzjoni proprja mhux mibjugħa mhux rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa
KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT			
		4D — tagħhom: stokkijiet fl-1 ta' Jannar ta' kwantitajiet minn importazzjoni jew mill-produzzjoni proprja li preċedentement tqiegħdu fis-suq	B'mod partikolari, importazzjonijiet proprji rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa $4D = 4B - 4C$
	4E	Stokkijiet oħra fl-1 ta' Jannar	B'mod partikolari minn xiri fl-Unjoni $4E = 4A - 4B$
INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI RRAPPORATATA			
4F	Total ta' stokkijiet fil-31 ta' Diċembru		
	4G	— tagħhom: stokkijiet fil-31 ta' Diċembru ta' kwantitajiet minn importazzjoni jew mill-produzzjoni proprja	
		4H — tagħhom: stokkijiet fil-31 ta' Diċembru ta' kwantitajiet minn importazzjoni jew mill-produzzjoni proprja li preċedentement ma tqegħdux fis-suq	B'mod partikolari, il-produzzjoni proprja mhux mibjugħa u l-importazzjoni proprja mhux rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa
KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT			
		4I — tagħhom: stokkijiet fil-31 ta' Diċembru ta' kwantitajiet minn importazzjoni jew mill-produzzjoni proprja li preċedentement tqiegħdu fis-suq	B'mod partikolari, importazzjoni proprja rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa $4I = 4G - 4H$
	4J	— tagħhom: Stokkijiet oħra fil-31 ta' Diċembru	B'mod partikolari minn xiri fl-Unjoni $4J = 4F - 4G$
INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI RRAPPORATATA			
4K	L-ammont reklamat mill-impriża nnifisha		
4L	L-ammont riċiklat mill-impriża nnifisha		
KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT			
4M	L-ammont totali fiżikament imqiegħed fis-suq		$4M = 1E + 2A - 2B - 3B + 4C - 4H$

▼ **M1**

▼B

Taqsimta 5: Il-kwantitajiet għal użi eżentati skont l-Artikolu 15(2), timtela mill-produtturi u l-importaturi ta' idrofluworokarbur — l-Artikolu 19(1), (2) (3) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u l-punti 1(b) u 2(a) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 517/2014

Applikabbli għall-ewwel darba għal rappurtar dwar attivitajiet imwettqa fl-2014 (mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015).

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali, separatament għal kull tal-idrofluworokarbur (għal gassijiet elenkati fit-Taqsimta 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, għal taħlitiet jew polioli mħalltin minn qabel li fihom tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet).

	INFORMAZZJONI LI GħANDHA TIĠI RRAPPORATA	KUMMENTI
5A	Il-kwantità importata fl-Unjoni sabiex tinqered	Għandha tiġi speċifikata l-impriża jew impriżi li jwettqu l-qerda Rapporti mill-importaturi li jwettqu wkoll il-qerda huma nfushom dwar il-kwantitajiet totali meqruda għandhom isiru fit-taqsimta tar-rappurtar 8
5B	Il-kwantità użata minn produttur jew importatur f'applikazzjonijiet ta' materja prima jew fornuta direttament minn produttur jew importatur lil impriżi għall-użu f'applikazzjonijiet ta' materja prima	L-impriża jew l-impriżi li jużaw il-materja prima għandhom jiġu speċifikati Rapporti mill-produtturi jew importaturi li huma wkoll utenti tal-materja prima dwar l-użu tal-materja prima għandhom isiru fit-taqsimta tar-rappurtar 7.
5C	Il-kwantità fornuta direttament lill-impriżi għall-esportazzjoni barra mill-Unjoni, fejn dawk il-kwantitajiet ma jsirux sussegwentement disponibbli lil parti oħra fl-Unjoni qabel l-esportazzjoni Fuq bażi volontarja, il-kwantitajiet fornuti direttament lil impriżi għal manifattura ta' tagħmir fl-Unjoni, fejn dan it-tagħmir ikun sussegwentement esportat direttament barra mill-Unjoni	L-impriża jew l-impriżi li jesportaw għandhom jiġu speċifikati. Għandhom jiġu pprovduti d-dokumenti ta' verifika. L-idrofluworokarbur fi kwantitajiet kbar biss għandhom jiġu rrapportati, mhux il-kwantitajiet li jinsabu fi prodotti jew f'tagħmir. Id-dejta dwar il-provvista għall-manifattura ta' tagħmir li huwa esportat direttament tista' tiġi pprovduta għal skopijiet ta' informazzjoni, u għandha tispeċifika l-manifattur tat-tagħmir li jiġi esportat u l-kwantitajiet li kienu esportati.
5D	Il-kwantità fornuta direttament għall-użu f'tagħmir militari	L-impriża li tirċievi l-kwantità għall-użu f'tagħmir militari għandha tiġi speċifikata.
5E	Il-kwantità fornuta direttament lil impriża li tużaha għal inċiżjoni ta' materjal semikonduttur jew għat-tindif ta' kmamar ta' depożitu ta' fwar tal-kimika fi ħdan is-settur tal-manifattura tas-semikondutturi	Il-manifattur tas-semikondutturi riċeventi għandu jkun speċifikat.
5F	Il-kwantità fornuta direttament lil impriża li tiproduċi inalaturi b'doża mkejla għall-kunsinna ta' ingredjenti farmaċewtiċi	Għandu jiġi speċifikat il-produttur tal-inalaturi b'doża mkejla riċeventi għall-kunsinna ta' ingredjenti farmaċewtiċi.

Taqsimta 6: Il-kategoriji ta' applikazzjoni tal-gassijiet għas-suq tal-UE, timtela mill-produtturi u l-importaturi ta' gassijiet — l-Artikolu 19(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u l-punti 1(a) u 2(a) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 517/2014

Applikabbli għall-ewwel darba għal rappurtar dwar attivitajiet imwettqa fl-2014 (mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015).

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali, separatament għal kull gass elenkat fl-Anness I jew l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, jew taħlitiet li fihom tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet.

▼ **B**

	INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI RRAPPORATA	KUMMENTI
6A	Esportazzjoni	Għall-idrofluworokarburi, l-ammont irrapportat hawn [6A] għandu jkun l-istess ammont bħal dak irrapportat fit-taqsima tar-rappurtar 5 kif fornuti direttament lil impriżi għal esportazzjoni barra l-Unjoni, fejn dawk il-kwantitajiet ma jsirux sussegwentement disponibbli lil kwalunkwe parti oħra fl-Unjoni, qabel l-esportazzjoni [5C].
6B	Qerda	Għall-idrofluworokarburi, l-ammont irrapportat hawn [6B] għandu jkun l-istess ammont bħal dak irrapportat fit-taqsima tar-rappurtar 5 bħala importati fl-Unjoni sabiex jinqerdu [5A].
6C	Tagħmir militari	Għall-idrofluworokarburi, l-ammont irrapportat hawn [6C] għandu jkun l-istess ammont bħal dak irrapportat fit-taqsima tar-rappurtar 5 bħala fornuti direttament għall-użu f'tagħmir militari [5D].
6D	Tagħmir ta' refriġerazzjoni, arja kkundizzjonata u ta' tisħin	
6E	Fluwidi ta' trasferiment tas-sħana oħra	
6F	Produzzjoni ta' ragħwa	
6G	Produzzjoni ta' polioli mħalltin minn qabel	
6H	Protezzjoni min-nar	
6I	Ajrusols — inalaturi b'doża medika	Għall-idrofluworokarburi, l-ammont irrapportat hawn [6I] għandu jkun l-istess ammont, jew ogħla minn dak irrapportat fit-taqsima tar-rappurtar 5 bħala fornuti direttament lil impriża li tipproduċi inalaturi b'dożar iffissat għall-kunsinna ta' ingredjenti farmaċewtiċi [5F].
6J	Ajrusols — użi oħra	
6K	Solventi	
6L	Materja prima	Għall-idrofluworokarburi, l-ammont irrapportat hawn [6L] għandu jkun l-istess ammont, jew ogħla minn dak irrapportat fit-taqsima tar-rappurtar 5 bħala użati minn produttur f'applikazzjonijiet ta' materja prima jew fornuti direttament minn produttur jew importatur lil impriżi għall-użu f'applikazzjonijiet ta' materja prima [5B].
6M	Manifattura ta' semikondutturi	Għall-idrofluworokarburi, l-ammont irrapportat hawn [6M] għandu jkun l-istess ammont, jew ogħla minn dak irrapportat fit-taqsima tar-rappurtar 5 bħala fornuti direttament lil impriża li tużahom għal inċiżjoni ta' materjal semikonduttur jew għat-tindif ta' kmamar ta' depożitu ta' fwar tal-kimika fi ħdan is-settur tal-manifattura tas-semikondutturi [5E].
6N	Manifattura fotovoltajka	
6O	Manifattura elettronika oħra	
6P	Tagħmir ta' kollegament tal-elettriku	

▼ B

	INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI RRAPPORATATA	KUMMENTI
6Q	Aċċeleraturi tal-partiċelli	
6R	Operazzjonijiet ta' pressofunditura tal-manjeżju	
6S	Anestetiki	
6T	Applikazzjoni oħra jew mhux magħrufa	Applikazzjoni jew applikazzjonijiet oħrajn għandhom jiġu speċifikati, u għandha tingħata spjegazzjoni mir-relatur dwar applikazzjoni mhux magħrufa.
6U	Tnixxija matul il-ħażna, it-trasport jew it-trasferiment	
6V	Aġġustamenti fil-kontabilità	Fejn dawn il-kwantitajiet jiġu rrapportati, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni
	KALKOLI TA' KWANTITAJIET IĠĠENERATI AWTOMATIKAMENT	
6W	It-total tal-kwantitajiet għall-kategoriji għall-applikazzjonijiet	$6W = 6A + 6B + 6C + 6D + 6E + 6F + 6G + 6H + 6I + 6J + 6K + 6L + 6M + 6N + 6O + 6P + 6Q + 6R + 6S + 6T + 6U + 6V$ <p>Jekk id-dejta tiġi rrapportata kif suppost, imbagħad it-total tal-kwantitajiet għall-kategoriji għall-applikazzjonijiet [6W] se jikkorrispondi għall-kwantità totali kkalkulata fornuta lis-suq tal-Unjoni [6X].</p>
6X	Kwantità totali fornuta lis-suq tal-Unjoni	$6X = 1E + 2A - 3B + 4B - 4G + 4K$

Taqsim 7: Timtela mill-utenti tal-materja prima ta' gassijiet — l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u l-punt 5(a) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 517/2014

Applikabbli għall-ewwel darba għal rappurtar dwar attivitajiet imwettqa fl-2014 (mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015).

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali, separatament għal kull gass elenkat fl-Anness I jew l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, jew taħlita li fiha tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet.

Il-kwantitajiet effettivament użati bħala materja prima biss għandhom jiġu rrapportati hawnhekk.

Fejn l-idrofluworokarburu (gassijiet elenkati fit-Taqsim 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, jew taħlita li fiha tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet) ġew prodotti jew importati mill-impriża li tużahom bħala materja prima, il-kwantitajiet għandhom jiġu rrapportati fit-taqsim 5 ukoll. Fejn l-impriża pproduċiet jew importat dawk il-gassijiet u sussegwentement bighethom għall-użu bħala materja prima lil impriżi oħra, il-kwantitajiet furnuti għandhom jiġu rrapportati fit-taqsim tar-rappurtar 5 biss, li tispeċifika l-impriża li tużahom bħala materja prima.

	INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI RRAPPORATATA	KUMMENTI
7A	L-ammont użat bħala materja prima mill-impriża nnifisha	

Taqsim 8: Timtela mill-impriżi li jkunu qerdu l-gassijiet — l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u l-punt 4 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 517/2014

Applikabbli għall-ewwel darba għal rappurtar dwar attivitajiet imwettqa fl-2014 (mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015).

▼B

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali, separatament għal kull gass fluworurat b'effett ta' serra elenkat fl-Anness I jew l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, jew taħlita li fiha tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet.

Għandu jiġi rrapportat it-total tal-kwantitajiet meqruda mill-impriżi stess li jirrapportaw. Impriżi li huma produtturi għandhom jirrapportaw ukoll dwar il-kwantitajiet tal-produzzjoni tagħhom stess li nqerdu, fit-taqsimha tar-rappurtar 1.

Impriżi li huma importaturi ta' idrofluworokarburi (gassijiet elenkati fit-Taqsimha I tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, jew taħlita li fiha tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet) għandhom jirrapportaw il-kwantitajiet tal-importazzjonijiet li ġew meqruda, fit-taqsimha tar-rappurtar 5.

Il-kwantitajiet mibgħuta biex jinqerdu lil impriżi oħra fl-UE ma għandhomx ikunu rrapportati hawnhekk. Il-kwantitajiet esportati biex jinqerdu barra l-UE għandhom jiġu rrapportati fi 3F.

	INFORMAZZJONI LI GħANDHA TIĠI RRAPPORATA	KUMMENTI
8A	L-ammont meqru mill-kumpanija li tirraporta bl-użu ta' kombustjoni b'temperatura għolja	
8B	L-ammont meqru mill-kumpanija li tirraporta bl-użu ta' disoriment termali	
8C	L-ammont meqru mill-kumpanija li tirraporta bl-użu ta' teknoloġiji oħra	It-teknoloġiji ta' qerda li jintużaw għandhom jiġu speċifikati
	KWANTITAJIET AWTOAMATIKAMENT IKKALKULATI	
8D	L-ammont totali meqru mill-impriża nnifisha	$8D = 8A + 8B + 8C$
	INFORMAZZJONI LI GħANDHA TIĠI RRAPPORATA	
8E	Stokkijiet fl-1 ta' Jannar li għad iridu jinqerdu	
8F	Stokkijiet fil-31 ta' Diċembru maħsuba għall-qerda u li għad iridu jinqerdu	

Taqsimha 9: Timentela mill-produtturi jew l-importaturi li awtorizzaw l-użu tal-kwota ta' idrofluworokarbur lil impriżi li jqiegħdu fis-suq ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni, ta' arja kundizzjonata u tagħmir ta' tisħin bil-pompa li jiċċarġja bl-idrofluworokarburi — l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u l-punti 1(e) u 2(c) tal-Anness VII tar-Regolament (EU) Nru 517/2014

Applikabbli għall-ewwel darba għal rappurtar dwar attivitajiet imwettqa fl-2015 (mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2016).

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO₂ bi preċiżjoni ta' 1 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂, mingħajr distinzjoni bejn idrofluworokarburi differenti.

Għandhom jiġu rrapportati biss l-awtorizzazzjonijiet maħruġa matul is-sena kalendarja li dwaru jkun intbagħat ir-rappurtar.

	INFORMAZZJONI LI GħANDHA TIĠI RRAPPORATA	KUMMENTI
9A	Il-kwantitajiet soġġetti għal awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' kwota mogħtija lill-produtturi jew l-importaturi ta' tagħmir li jiċċarġja minn qabel skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014	L-impriża li tirċievi l-awtorizzazzjoni għandha tkun speċifikata.



Taqsimta 10: Timtela minn impriżi li jkunu rċevew il-kwota tagħhom esklusivament abbażi ta' dikjarazzjoni skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u li jkunu awtorizzaw l-użu ta' kwota tal-idrofluworokarburi lill-impriżi li jqiegħdu ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni, ta' arja kundizzjonata u tagħmir ta' tisħin bil-pompa li jiċċarġja bl-idrofluworokarburi fis-suq skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 — l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u l-punti 1(e) u 2(c) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 517/2014

Applikabbli għall-ewwel darba għal rappurtar dwar attivitajiet imwettqa fl-2015 (mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2016).

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali, separatament għal kull tal-idrofluworokarbur (gassijiet elenkati fit-Taqsimta 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, jew taħlita li fiha tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet).

Il-provvisti tal-idrofluworokarburi kollha marbuta mal-awtorizzazzjonijiet maħruġa matul is-sena kalendarja li dwarha jkun intbagħat ir-rapport, kif irrapportat fit-taqsimta 9, għandhom jiġu rappurtati f'din it-taqsimta tar-rappurtar. Din l-informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

	INFORMAZZJONI LI GħANDHA TIĠI RRAPPORATA	KUMMENTI
10A	L-ammont ta' gass ipprovdut lil impriżi, li ngħataw awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni, ta' arja kundizzjonata u tagħmir ta' tisħin bil-pompa li jiċċarġja bl-idrofluworokarburi.	L-impriża jew l-impriżi riċeventi għandhom jiġu speċifikati. Mar-rapport, l-impriżi għandhom jissottomettu prova addizzjonali għal provvisti fiżiċi kollha rappurtati hawn (eż. fatturi).

Taqsimta 11: Timtela minn impriżi li qiegħdu fis-suq gassijiet inklużi fi prodotti jew f'tagħmir skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament 517/2014 — l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u l-punt 6 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 517/2014

Applikabbli għall-ewwel darba għal rappurtar dwar attivitajiet imwettqa fl-2014 (mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015).

Il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 jew taħlitiet li fihom tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet li jinsabu fil-prodotti u t-tagħmir għandhom jiġu rappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali, skont il-kategorija. Barra minn hekk għall-kwantità totali ta' gassijiet, għandu jiġi rrapportat l-għadd ta' unitajiet skont il-kategorija, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Il-produtturi ta' prodotti jew tagħmir manifatturati fl-Unjoni ma għandhomx jirrapportaw dwar prodotti u tagħmir jekk preċedentement il-gassijiet li jinsabu fihom kienu importati jew prodotti fl-Unjoni. Meta produttur jipproduċi hu stess gassijiet fi kwantitajiet kbar fl-Unjoni għall-użu fl-Unjoni għall-manifattura tal-prodotti u t-tagħmir tiegħu, ir-rappurtar tiegħu dwar il-produzzjoni (it-taqsimta tar-rappurtar 1) bl-istess mod tkopri l-ammonti rilevanti tal-gass, għalhekk lanqas dawn l-ammonti ma għandhom jiġu rappurtati f'din it-taqsimta.

L-importaturi ta' prodotti u tagħmir li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew II tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 għandhom jirrapportaw dwar kull importazzjoni li tinkludi gass rilaxxata mid-dwana għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni. L-importazzjonijiet ta' polioli mħalltin minn qabel, ma għandhomx jiġu rappurtati f'din it-taqsimta iżda fit-taqsimta 2. Fejn l-idrofluworokarburi (gassijiet elenkati fit-Taqsimta 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, jew taħlita li fiha tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet) jinsabu f'tagħmir importat ta' refriġerazzjoni, ta' arja kundizzjonata jew tagħmir ta' tisħin

▼B

bil-pompa, u qabel kienu ġew esportati mill-Unjoni, u kienu soġġetti għal-limi-tazzjoni tal-kwota għat-tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi, li għandhom jiġu rrapportati fit-taqsimi tar-rappurtar 12 sabiex jagħtu prova ta' konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

Il-kategoriji ta' prodotti jew tagħmir elenkati hawn taħt jinkludu komponenti maħsuba għall-kategoriji speċifiċi tal-prodott jew tagħmir.

It-terminu “disinn dirett” jirreferi b'mod partikolari għal sistemi li jaħdmu bl-arja għall-arja, bl-ilma għall-arja, bis-salmur għall-arja; it-termini “disinn indirett” jirreferi b'mod partikolari għal sistemi li jaħdmu bl-arja għall-ilma, bl-ilma għall-ilma, bis-salmura għall-ilma. inklużi l-pompi idroniċi tat-tisħin

	KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	KUMMENTI
11A	Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità	11A = 11A1 + 11A2 + 11A3 + 11A4 + 11A5 + 11A6 + 11A7 + 11A8 + 11A9 + 11A10 + 11A11 + 11A12 + 11A13 + 11A14
	INFORMAZZJONI LI GħANDHA TIĠI RRAPPORATATA	
	11A1 Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, disinn dirett: Unitajiet indipendenti/monoblokk ta' tip mobbli	
	11A2 Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, disinn dirett: unitajiet indipendenti/monoblokk tat-tip ta' fuq il-bejt	
	11A3 Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, disinn dirett: unitajiet indipendenti/monoblokk tat-tip ieħor	Għandhom jiġu speċifikati t-tip jew tipi ta' tagħmir.
	11A4 Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, disinn dirett: unitajiet b' monosplit ċċarġjati bi 3 kilogrammi jew aktar ta' refriġerant	
	11A5 Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, disinn dirett: unitajiet b' monosplit ċċarġjati b' inqas minn 3 kilogrammi ta' refriġerant	
	11A6 Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, disinn dirett: unitajiet b'multipplit	
	11A7 Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, disinn indirett: unitajiet indipendenti/monoblokk għal użu domestiku	
	11A8 Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, disinn indirett: unitajiet indipendenti/monoblokk għal użu kummerċjali jew industrijali	
	11A9 Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, disinn indirett: unitajiet indipendenti/monoblokk għal użu ieħor	Għandhom jiġu speċifikati l-użu jew l-użi intenzjonati.
	11A10 Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, disinn indirett: unitajiet bi split għal użu domestiku	

▼B

		KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	KUMMENTI
	11A11	Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, disinn indirett: unitajiet bi split għal użu kummerċjali jew industrijali	
	11A12	Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, disinn indirett: unitajiet bi split għal użu ieħor	Għandhom jiġu speċifikati l-użu jew l-użi intenzjonati.
	11A13	Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, kemm dirett u kemm indirett: unitajiet indipendenti/monoblokk	
	11A14	Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin għall-kumdità, kemm dirett u kemm indirett: unitajiet bi split	
		KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTO-MATIKAMENT	
11B		Tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni	$11B = 11B1 + 11B2 + 11B3 + 11B4 + 11B5 + 11B6 + 11B7 + 11B8 + 11B9 + 11B10 + 11B11 + 11B12 + 11B13 + 11B14$
		INFORMAZZJONI LI GħANDHA TIĠI RRAPPORTATA	
	11B1	Tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, disinn dirett: unitajiet indipendenti/monoblokk għal użu domestiku	
	11B2	Tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, disinn dirett: unitajiet indipendenti/monoblokk għal użu kummerċjali jew industrijali	
	11B3	Tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, disinn dirett: unitajiet indipendenti/monoblokk għal użu ieħor	Għandhom jiġu speċifikati l-użu jew l-użi intenzjonati.
	11B4	Tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, disinn dirett: unitajiet bi split għal użu kummerċjali jew industrijali	
	11B5	Tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, disinn dirett: unitajiet bi split għal użu ieħor	Għandhom jiġu speċifikati l-użu jew l-użi intenzjonati.
	11B6	Tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, disinn indirett: unitajiet indipendenti/monoblokk għal użu kummerċjali jew industrijali	
	11B7	Tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, disinn indirett: unitajiet indipendenti/monoblokk għal użu ieħor	Għandhom jiġu speċifikati l-użu jew l-użi intenzjonati.
	11B8	Tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, disinn indirett: unitajiet bi split għal użu kummerċjali jew industrijali	

▼B

		KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	KUMMENTI
	11B9	Tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, disinn indirett: unitajiet bi split għal użu ieħor	Għandhom jiġu speċifikati l-użu jew l-użi intenzjonati.
	11B10	Tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, kemm dirett u kemm indirett: unitajiet indipendenti/monoblokk	
	11B11	Tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, kemm dirett u kemm indirett: unitajiet bi split	
	11B12	Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin bi proċess, disinn dirett:	
	11B13	Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin bi proċess, disinn indirett:	
	11B14	Tagħmir stazzjonarju ta' tkessiħ jew tisħin bi proċess, disinn dirett kif ukoll indirett	
11C		magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ bil-pompa tas-sħana	
		KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTO-MATIKAMENT	
11D		Kundizzjonament tal-arja/tisħin stazzjonarju inklużi pompi tat-tisħin kif ukoll tagħmir tar-refriġerazzjoni (HACR) għal kwalunkwe skop ieħor	$11D = 11D1 + 11D2 + 11D3$
		INFORMAZZJONI LI GħANDHA TIĠI RRAPPORTATA	
	11D1	Tagħmir stazzjonarju HACR għal kwalunkwe skop ieħor, disinn dirett	Għandhom jiġu speċifikati t-tip jew tipi u l-iskop jew l-iskopijiet tat-tagħmir.
	11D2	Tagħmir stazzjonarju HACR għal kwalunkwe skop ieħor, disinn indirett	Għandhom jiġu speċifikati t-tip jew tipi u l-iskop jew l-iskopijiet tat-tagħmir.
	11D3	Tagħmir stazzjonarju HACR għal kwalunkwe skop ieħor, disinn dirett kif ukoll indirett	Għandhom jiġu speċifikati t-tip jew tipi u l-iskop jew l-iskopijiet tat-tagħmir.
		KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTO-MATIKAMENT	
11E		Tagħmir ta' refriġerazzjoni mobbli	$11E = 11E1 + 11E2 + 11E3 + 11E4$
		INFORMAZZJONI LI GħANDHA TIĠI RRAPPORTATA	
	11E1	Tagħmir ta' refriġerazzjoni mobbli għal vetturi ħfief b'refriġerazzjoni (eż. vannijiet)	

▼ **B**

		KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	KUMMENTI
	11E2	Tagħmir ta' refriġerazzjoni mobbli għal vetturi heavy-duty b'refriġerazzjoni (inklużi trakkijiet u trejlers)	
	11E3	Tagħmir ta' refriġerazzjoni mobbli għal bastimenti b'refriġerazzjoni	
	11E4	Kwalunkwe tip ieħor ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni mobbli	Għandhom jiġu speċifikati t-tip jew tipi ta' tagħmir.
		KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTO-MATIKAMENT	
11F		Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli	$11F = 11F1 + 11F2 + 11F3 + 11F4 + 11F5 + 11F6 + 11F7 + 11F8 + 11F9$
		INFORMAZZJONI LI GħANDHA TIĠI RRAPPOR-TATA	
	11F1	Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal karożżi tal-passiġġieri	
	11F2	Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal karożżi tal-linja	
	11F3	Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal vannijiet (vetturi ħfief)	
	11F4	Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal trakkijiet u trejlers (vetturi heavy-duty)	
	11F5	Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal vetturi u makkinarju agrikolu, tal-forestrija u tal-kostruzzjoni	
	11F6	Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal karożżi ferrovjarji	
	11F7	Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal bastimenti	
	11F8	Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal inġenji tal-ajru u elikopters	
	11F9	Kwalunkwe tip ieħor ta' tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli	Għandhom jiġu speċifikati t-tip jew tipi ta' tagħmir.
		VALUR IKKALKULAT AWTOMATIKAMENT	
11G		Total ta' tagħmir ta' tkessiħ, ta' arja kundizzjonata jew tagħmir ta' tisħin bil-pompa	$11G = 11A + 11B + 11C + 11D + 11E + 11F$
11H		Prodotti tal-fowm	$11H = 11H1 + 11H2 + 11H3 + 11H4$

▼B

		KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	KUMMENTI
		INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI RRAPPORTATA	
	11H1	Bordijiet insulati fil-polisterin estruż (XPS)	Il-kwantitajiet tal-bordijiet XPS għandhom jiġu rrapportati f'unitajiet ta' metri kubi (maġenb il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati inklużi f'unitajiet ta' tunnelli metriċi)
	11H2	Bordijiet insulati tal-poliuretān (PU)	Il-kwantitajiet tal-bordijiet PU għandhom jiġu rrapportati f'unitajiet ta' metri kubi (maġenb il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati inklużi f'unitajiet ta' tunnelli metriċi)
	11H3	Fowm b'komponent uniku (OCF)	L-unità ta' kejl tista' tkun unitajiet ta' kontenituri ta' OCF (maġenb il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati inklużi f'unitajiet ta' tunnelli metriċi)
	11H4	Prodotti ta' fowm oħra	Għandhom jiġu speċifikati l-kategoriji tal-prodott. L-importazzjonijiet ta' polioli mħalltin minn qabel (eż. f'sistemi jew kontenituri ta' fowm) ma għandhomx jiġu rrapportati hawn iżda pjuttost fit-taqsim 2. Il-kwantitajiet tal-prodotti tal-fowm għandhom jiġu rrapportati f'unitajiet ta' metri kubi, jew tunnelli kubi, jew unitajiet tal-prodott jew tat-tagħmir (maġenb il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati inklużi f'unitajiet ta' tunnelli metriċi)
11I		Tagħmir għall-protezzjoni min-nirien (inklużi s-sistemi inkorporati fil-vetturi)	
11J		Ajrusols mediċi jew farmaċewtiċi	
11K		Ajrusols mhux mediċi	
11L		Tagħmir mediku (mingħajr ajrusols)	
11M		Tagħmir ta' kollegament għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku	
11N		Tagħmir ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku ieħor	
11O		Aċċeleraturi tal-partiċelli	
11P		Prodotti u tagħmir oħrajn li fihom gassijiet elenkati fl-Anness I jew l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 517/2014	Għandhom jiġu speċifikati l-kategoriji tal-prodott jew tat-tagħmir. L-unità tal-kejl tista' tkun volum, piż jew unitajiet ta' prodott/tagħmir. (maġenb il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati inklużi f'unitajiet ta' tunnelli metriċi)
		KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTO-MATIKAMENT	
11Q		Total ta' prodotti u tagħmir ieħor li fihom gassijiet fluworurati elenkati fl-Anness I jew l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 517/2014	11Q = 11G + 11H + 11I + 11J + 11K + 11L + 11M + 11N + 11O + 11P

▼ B

Taqsimta 12: Tintela mill-importaturi ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni, ta' arja kundizzjonata jew tagħmir ta' tisħin bil-pompa li jiċċarġja bl-idrofluworokarburi, fejn l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir importat preċedentement kienu esportati mill-Unjoni u akkwistati minn manifatturi ta' tagħmir direttament minn impriża li tesporta, u kienu soġġetti għal limitazzjoni tal-kwoti għat-tqegħid ta' idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni — l-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u l-punt 6 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 517/2014

Applikabbli għall-ewwel darba għal rappurtar dwar attivitajiet imwettqa fl-2017 (mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2018).

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali, separatament għal kull tal-idrofluworokarbur (gassijiet elenkati fit-Taqsimta 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, jew taħlita li fiha tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet).

▼ M1

	INFORMAZZJONI LI GħANDHA TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
12 A	L-ammont ta' idrofluworokarburi ċċarġjati fit-tagħmir importat u rrilaxxat mid-dwana għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni, li għalih l-idrofluworokarburi qabel kienu ġew esportati mill-Unjoni u kienu ġew soġġetti għal-limitazzjoni tal-kwoti għat-tqegħid tal-idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni	Għandhom jiġu speċifikati l-impriża jew l-impriżi li jkunu esportaw l-idrofluworokarburi u s-sena jew is-snin tal-esportazzjoni. Għandhom jiġu speċifikati l-impriża jew l-impriżi li jkunu qiegħdu l-idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba u s-sena jew is-snin ta' dak it-tqegħid fis-suq.

▼ M2

It-Taqsimta 13a: Trid tintela mill-produtturi u l-importaturi tal-gassijiet – l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u l-punti 1(a) sa 1(d); il-punti 2(a), 2(b) u 2(d) u l-punti 3(a) u 3(b) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 517/2014

Tapplika għall-ewwel darba għar-rappurtar dwar l-attivitajiet li twettqu fl-2018 (sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2019) u sas-sena, biha inkluzja, meta d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit jew ġo fih.

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali, separatament għal kull gass elenkat fit-Taqsimta 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, jew għal taħlitiet li fihom tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet jew għal kull gass jew taħlita li jinsabu f'polioli mħalltin minn qabel.

	KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	KUMMENTI
13aA	L-ammont ta' idrofluworokarburi fiżikament imqiegħed fis-suq, bl-esklużjoni ta' użi eżentati	13aA = 4M – Is-somma ta' użi eżentati fit-Taqsimta 5 (5 A – 5F)
	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	
13aB	Minnhom: l-ammont imqiegħed fis-suq tar-Renju Unit għall-ewwel darba	L-ammonti mqiegħda fis-suq tar-Renju Unit, iżda li sussegwentement ġew fornuti fl-Unjoni (mingħajr ir-Renju Unit) fi kwantitajiet kbar ma jridux ikunu inklużi L-ammonti fornuti għas-suq tar-Renju Unit bl-ingrossa li preċedentement tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni (mingħajr ir-Renju Unit) għandhom jiġu inklużi

▼ M2

	KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	KUMMENTI
	KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
13aC	Minnhom: l-ammont imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, mingħajr ir-Renju Unit	13aC = 13aA – 13aB